MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 975/2005

**Carmelo Grima; u b'nota tal-20 ta' Ġunju 2008 Carmelo Grima *senior* assuma l-atti f'isem ibnu l-attur Carmelo Grima billi dan huwa assenti minn dawn il-Gżejjer**

***Versus***

**Joseph Fenech, Beatrice Fenech, Joanna Fenech u Concetta Fenech**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti minn proprjetà immobbli.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illil-attur huwa s-sid tal-fond jismu *Villa Vienna*, 52/1, Triq Antonio Schembri, il-Kappara, u l-*garage* numru 2 li jiġi taħt l-istess korp ta' appartamenti. Il-konvenuti qegħdin iżommu din il-proprjetà u l-attur talabhom joħorġu u jroddulu ċ-ċwievet, iżda għalxejn. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti ma għad għandhom ebda jedd li jżommu l-proprjetà fuq imsemmija;
2. tikkundanna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-proprjetà fi żmien qasir u perentorju li tagħtihom;
3. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu, jew tgħid min minnhom għandu jwieġeb, għad-danni li qiegħed iġarrab l-attur talli baqgħu jżommu l-proprjetà għalkemm din intalbitilhom lura minn dakinhar meta saritilhom dik it-talba sa meta jiżgumbraw minnha;
4. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur; u
5. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.

Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra legali tat-28 ta' Settembru 2005.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;
2. il-konvenuti jgawdu titolu ta' kommodat fuq il-proprjetà msemmiija fiċ-ċitazzjoni, u dan it-titolu jiġi fi tmiemu fit-23 ta' Novembru 2007;
3. fid-dawl tat-titolu ta' kommodat, il-konvenuti ma jwieġbu għal ebda danni; u
4. ir-raba' u l-ħames talbiet ta' l-attur huma "ġuridikament insostenibbli" għax ma hemm ebda danni li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenutii.

Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2008 l-attur irrinunzja għat-talbiet dwar danni, *i.e.* it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet. Fadal biss, għalhekk, li nqisu t-talba għall-iżgumbrament.

Il-konvenuti ma humiex qegħdin jikkontestaw it-titolu ta' proprjetà ta' l-attur; qegħdin igħidu biss illi huma jżommu l-proprjetà b'titolu ta' kommodat. Skond stqarrija tal-konvenuti stess fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni maħlufa tagħhom, iżda, dan it-titolu kellu jintemm fit-23 ta' Novembru 2007. Għalhekk, f'kull każ, bis-saħħa ta' *ius superveniens*, illum il-konvenuti ma għad għandhom ebda titolu biex ikomplu jżommu l-proprjetà u ma hemm xejn xi jżomm milli tintlaqa' t-talba għall-iżgumbrament.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-fond jismu *Villa Vienna*, 52/1, Triq Antonio Schembri, il-Kappara, u l-*garage* numru 2 li jiġi taħt l-istess korp ta' appartamenti, u jroddu l-istess immobbli lill-atturi fi żmien xahar millum. Tikkundanna lill-konvenuti wkoll iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------